MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Talba Numru. 305/2004

**Claire Said**

**Vs**

**Charles Fenech**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Frar, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' sitt mija u tmenin lira Maltin (Lm680) rappresentanti manteniment dovut ghall-attrici u ghal bint minuri tal-kontendenti u dana skond klawsola numru 10 tal-kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Joseph Henri Sciriha tat-28 ta' Lulju 2000 u dana ghax-xhur bejn April 2003 u Dicembru 2003 bir-rata ta' Lm100 fix-xahar, li minnhom il-konvenut hallas biss Lm220.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta'l-attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' sitt mija u tmenin lira Maltin (Lm680), bl-imghaxijiet legali

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------